**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 2 / 2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jolene Natalie Pace**

Illum 29 ta' Ottubru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata Jolene Natalie Pace, ta' wiehed u tletin (31) sena, bint Emanwel u Carmela nee' Pace, imwielda l-Awstralja, nhar id-19 ta' Marzu 1989, residenti fil-fond 80, 'Sunrise', Triq it-Torri ta' Kenuna, Nadur, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 103600 (L), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-5 ta' Settembru, 2019, ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija (7:30p.m.), fi Triq il-Qala, Ghajnsielem, Ghawdex u / jew fil-vicinanzi waqt li kienet qieghda ssuq vettura bil-mutur tal-ghamla Suzuki Alto, bil-pjanca tar-registazzjoni CBU 113:

1) B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunat il-mewt ta' Giuseppe Cristian D' Olimpio u dan bi ksur tal-Artikolu 225 (1) tal-Kapitolu 9;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura tal-ghamla Suzuki Alto, bil-pjanca tar-registazzjoni CBU 113, b' mod traskurat, perikoluz jew bla kont u dan bi ksur tal-Artikoli 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65;

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b' nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila jew professjoni taghha, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkagunat hsara fuq mutur tal-ghamla Kymco, bin-numru tar-registrazzjoni BCD 963 u dan ai dannu ta' Chiara Grisostolo u / jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9;

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputata tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha l-ebda licenzja tas-sewqan ghall-perijodu li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hu xieraq;

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-21 ta' Mejju, 2021, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputata hatja tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u minnhom illiberatha, u wara li rat artikolu 15 (1) (a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputata hatja biss li saqet bla kont izda mhux b' mod traskurat u perikoluz u ikkundannatha multa ta' mitejn ewro (€200).

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Gunju, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha TIRRIFORMA s-sentenza appellata billi:

1. TIKKONFERMAHA fil-parti fejn sabet lil Jolene Natalie Pace hatja tat-tieni (2) imputazzjoni;
2. THASSARHA U TIRREVOKHA fil-parti fejn illiberat lil Jolene Natalie Pace mill-ewwel (1) u mit-tielet (3) imputazzjoni u minflok issibha hatja ta' dawn l-imputazzjonijiet u tinfliggi piena skont il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena kurrenti (2021), l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali fl-ismijiet premessi, u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati meta giet biex tillibera lill-appellata mill-ewwel (1) u mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba kontriha, naqset milli tapprezza korrettement il-provi prodotti;

Illi l-esponent japprezza u jirrikonoxxi li l-funzjoni tal-Qorti tal-Appell m' hijiex li tirrimpjazza l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet il-Qorti tal-Magistrati u li tissostitwixxi dan l-apprezzament bl-apprezzament taghha, izda li taghmel ezami approfondit ta' l-atti processwali sabiex tara jekk f' dawk ic-cirkostanzi l-Qorti tal-Magistrati setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li fil-fatt waslet ghaliha;

Illi f' dan il-kuntest, l-aggravju tal-esponent hu li l-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt legalment u ragjonevolment tillibera lill-appellata mill-ewwel (1) u mit-tielet (3) imputazzjoni, u dan in vista tas-segwenti ragunijiet;

Illi l-imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija jittrattaw dwar il-kuncett ta' negligenza. Fil-fatt, l-artikolu 225 (omicidju involontarju) u 328 (hsara involontarja) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jittrattaw dwar nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti;

**Principji Legali**

Illi għalkemm il-legislatur naqas milli jagħti spjegazzjoni tat-termini 'nuqqas ta' ħsieb' u 'traskuraġni', madanakollu l-Qrati tagħna dejjem interpretaw dawn it-termini bħala **nuqqas ta' attenzjoni u ta' teħid ta' prekawzjonijiet** li kienu mistennija f' ċirkostanzi partikolari;

Illi n-natura u l-elementi tar-reat ta' omiċidju involontarju ġew spjegati bir-reqqa f' sentenza tal-Qorti Kriminali tal-erbgħa (4) ta' Frar tal-elf disa' mija wieħed u sittin (1961) fil-kawża fl-ismijiet **"<u>Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli</u>"** fejn dik il-Qorti osservat is-segwenti:

> "Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 239 (illum 225) tal-Kodiċi Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti – konsistenti ġenerikament f' nuqqas ta' ħsieb ("imprudenza"), traskuraġni ("negligenza"), jew ta' ħila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti speċifikatament f' nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – li tkun segwita, b' ness ta' kawżalità minn event dannuż involontarju.
>
> Għandu jiġi premess illi, għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f' kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta, cioè illi fil-każ konkret kienet tiġi użata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilità normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallih fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-każ konkret."[1]

Illi dan il-prinċipju huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna. Il-Qorti tal-Appell Kriminali f' sentenza aktar riċenti minn dik hawn fuq kwotata, fl-ismijiet **"<u>Il-Pulizija vs Richard Grech</u>"** mogħtija nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu tal-elf disa' mija

---

[1] Volum 45 Parti Nru. 4, Pagna 870, 903.

u sitta u disghin (1996) mill-Imhallef Vincent De Geatano,[2] wara li ghamlet referenza ghall-bran hawn fuq riprodott esprimiet ruhha hekk:

*"Biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid izomm f' mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cjoè, l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attività partikolari - tghallem li f' dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu ppregudikati;*

*…. Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtù, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet però, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b' applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni pozittiva indiretta."*

Illi f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef Patrick Vella fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et"** deciza nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tal-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), il-Qorti regghet ghamlet ezami approfondit tad-dottrina u gurisprudenza in tema u wara li rriaffermat dak li qalet il-Qorti fis-sentenza precedenti, kompliet hekk:

*"Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz, hemm necessarjament l-element ta' attività diretta ghal xi fini partikolari li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjonijiet jistghu jigu lezi jew danneggjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi. ...*

---

[2] Volum 80 (1996), Parti Nru. 4, Sezzjoni 2, Pagna 176.

*Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza, derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili:*

*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma' jiehu l-opportuni kawteli;*

*In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu;*

*L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa profesjonali, cjoe' , kif jghid il-**Manzini**: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all' agente, di cui egli vuole non tenur conto":*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll ghal non-osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta' hsara u dannu lil terzi cjoe' , dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni…"*

Illi in oltre, taht dawn il-forom ta' kondotta kolpuza, sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm element essenzjali, dak tal-prevedibilità. Il-prevedibilità tibqa' essenzjali taht kull forma ta' kulpa;

Illi l-**Professur Anthony J. Mamo** fin-noti tieghu, jghid hekk: *In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable";*[3]

Illi f' sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tal-elfejn u tmintax (2018) mill-Imhallef Edwina Grima fl-ismijiet **"<u>Il-</u>**

---

[3] Notes on Criminal Law Volume I.

**<u>Pulizija vs Dorianne Camilleri</u>**"[4], il-Qorti, abbazi tal-insenjament ta' diversi guristi tad-dritt penali, ikkonkludiet li l-elementi li jsawwru lit-terminologija *culpa* huma l-volontarjetà tal-att [f' dan il-kaz is-sewqan]; in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilità ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. "Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib *culpa levissima* li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija;"

Illi meta si tratta dwar il-livell ta' diligenza li l-ligi tesigi li tigi adoperata, **il-Professur Mamo** jghid hekk: *The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonsable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a ' reasonable man' or of ' an ordinarily prudent man' , meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence" it has been said "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would do".*[5]

**Apprezzament tal-provi**

Illi stabbilit dan l-insenjament mill-gurisprudenza nostrana, l-esponent huwa tal-umli fehma li mill-assjem tal-provi migbura fil-kaz odjern jirrizulta li meta l-appellata kienet qieghda timmanuvra l-vettura taghha biex taqleb il-karreggjata u tikser gewwa triq sekondarja, hija kienet imprudenti f' ghemilha u li din l-imprudenza kkawzat il-mewt tal-vittma D' Olimpio kif ser jigi spjegat iktar l-isfel fid-dettall;

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-incident stradali sehh fi Triq il-Qala, Ghajnsielem. L-appellata kienet qed issuq fid-direzzjoni lejn ir-Rabat u l-vittma kien qed isuq fil-karreggjata opposta fid-direzzjoni lejn l-Imgarr. Il-kollizjoni bejn il-vettura tal-appellata u l-mutur tal-vittma sehhet meta l-appellata kienet ser tikser fuq in-naha tal-lemin taghha sabiex tidhol go triq sekondarja. It-triq fejn sehhet il-kollizjoni hija triq

[4] Appell numru 89 / 2017.
[5] Notes on Criminal Law Volume I.

primarja u wiesgha ghal volum ta' traffiku li jghaddi minnha, u ghalhekk **wiehed ghandu jezercita iktar attenzjoni meta jkun qed isuq vettura f' din it-triq**;

Illi fin-nofs ta' din it-triq fejn sehhet il-kollizjoni hemm *single white line* li jfisser li l-vetturi ma jistghux imorru fuq il-karreggjata l-ohra. Madanakollu, fl-inkrocju fejn sehhet il-kollizjoni, is-sinjal l-abjad li jifred iz-zewg karreggjati huwa nterrott u dan jindika li sewwieq li jkun qed isuq fid-direzzjoni tar-Rabat jista' jikser fuq in-naha tal-lemin sabiex jidhol fit-triq sekondarja. **Kull sewwieq irid joqghod attent meta jasal hdejn dan l-inkrocju ghax f'dawk l-akkwati hemm *blind spot*** u vetturi li jkunu gejjin mid-direzzjoni opposta ghandhom il-vista ostakolata minhabba li *circa* 90 metru 'l boghod minn fejn sehhet il-kollizjoni hemm liwja fit-triq;[6] **Kien ghalhekk jinkombi fuq l-appellata li, qabel ma' tikser ghat-triq sekondarja, tipprocedi b'kawtela biex f'kaz li tkun gejja vettura jew mutur mid-direzzjoni opposta, tistenna sakemm tghaddi din il-vettura jew mutur;**

Illi skont ir-rapport ta' Dr. Mario Buttigieg, il-habta sehhet fuq in-naha tal-lemin tal-karreggjata meta wiehed ihares fid-direzzjoni tar-Rabat. Dan seta' jigi kkonstatat kemm mill-brix li thalla fuq il-wicc tat-triq u kemm minhabba l-fatt li l-*point of impact* instab fuq in-naha tal-lemin;[7]

Illi skont l-istess rapport, il-vettura tal-appellata daret tletin (30) grad *clockwise* bl-impatt.[8] Dan ifisser li l-pozizzjoni tal-vettura u d-direzzjoni ta' fejn kienet qed thares il-vettura m'huwiex dak kif instabet il-vettura wara l-impatt u dak kif tidher fir-ritratti esebiti fir-rapport tal-espert Max Xuereb.[9] Il-pozizzjoni tal-vettura qabel l-impatt kienet tletin (30) grad *anticlockwise* minn dak kif instabet wara l-impatt. **Dan ifisser li l-vettura, qabel l-impatt, kienet iktar qieghda thares lejn id-direzzjoni ta' minn fejn kien gej il-vittma fuq il-mutur milli lejn id-direzzjoni tat-triq sekondarja**. **Dan**

---

[6] Ara x-xhieda tal-espert Dr. Mario Buttigieg a folio 256 tal-atti processwali.
[7] Ara folio 184 tal-atti.
[8] Ara folio 184 tal-atti.
[9] Ara r-rapport a folio 53.

**ifisser ukoll li fil-pozizzjoni li kienet l-appellata fil-karozza taghha qabel l-impatt, il-mutur seta' allura jkun iktar fil-vista taghha, kemm fil-mument tal-impatt u kemm fil-mumenti qabel il-hin tal-impatt meta kienet ghada ha tikser biex tidhol fit-triq sekondarja;**

Illi skont dak li jirrizulta mir-rapporti tal-esperti mahturin fl-inkjestà, il-vettura tal-appellata garbet hsarat estensivi **fuq il-parti frontali** tal-karozza u mhux fil-parti tal-genb jew ta' wara. **Dan l-istat ta' fatt huwa indikattiv li meta sar l-impatt, l-appellata kienet ghada ma kisritx ghax li kieku lehqet kisret, l-impatt kien ikun fuq il-genb tal-karozza (bhal per ezempju fuq il-bieba tal-passigger jew fuq il-*mudguard*) jew inkella fuq wara tal-karozza, izda certament li mhux fuq quddiem**. **Il-fatt li l-appellata kienet ghada ma kisritx ifisser li setghet tara l-mutur gej mid-direzzjoni opposta LI KIEKU ezercitat *a proper look out*.** Fl-umli fehma tal-esponent, il-pozizzjoni tal-vettura tal-appellata u d-direzzjoni ta' fejn kienet qed thares il-vettura qabel l-impatt u kif ukoll il-post fejn garbet il-hsarat estensivi l-vettura tal-appellata huma indikattivi li l-appellata, qabel ma harget fil-karreggjata opposta, ma ezercitatx *a proper look out* sabiex tara jekk kinitx gejja vettura bil-mutur mill-karreggjata opposta, liema vettura bil-mutur kienet tkun fil-*line of vision* taghha u setghet taraha gejja li kieku ezercitat *a proper look out;*

Illi *in oltre,* mir-rapport ta' Dr. Mario Buttigieg, jirrizulta li fuq il-post ma kien hemm l-ebda sinjali mal-art, la ta' brejkijiet u lanqas ta' marki ta' zlieq. Il-fatt li ma kienx hemm marki ta' brejkijiet tal-mutur huwa wkoll indikattiv li l-appellata qabdet u harget fuq il-karreggjata opposta tant li l-vittma nhasad x' hin lemah lill-appellata fil-karreggjata li kien qed isuq fiha u ma kellux cans jafas il-brejk. L-esponent mhux isostni li l-appellata kienet qieghda ssuq b' velocità eccessiva izda li evidentament ma ezercitatx *a proper lookout* qabel ma' qabdet u harget fuq il-karreggjata opposta b'tali mod li ostakolat il-via tal-vittma;

Illi a skans ta' kull ekwivoku, **l-esponent m'huwiex qed jikkontesta li kien hemm negligenza kontributorja min-naha tal-vittma** u dan peress li skont ir-rapport ta' Dr

Mario Buttigieg, il-vittma kien qed isuq il-mutur b' velocità li teccedi dik li suppost tintuza f' inhawi bhal dik fejn sehh l-incident *ossia* dik ta' sittin (60) kilometru fis-siegha;[10]

Illi madanakollu, huwa principju ben stabbilit li n-negligenza kontributorja tal-vittma m'ghandhiex tezonera lis-sewwieq mir-responsabbilità kriminali diment li n-negligenza kontributorja tal-vittma ma tkunx l-unika kawza tas-sinistru. Kif spjegat iktar f'dan l-umli rikors ta' appell, kienet l-appellata li kkawzat l-event dannuz billi ma zammitx *a proper lookout* tat-triq li kienet qed issuq fiha. Ghaldaqstant, **in-negligenza kontributorja tal-vittma m'ghandhiex twassal sabiex l-appellata tkun ezonerata mir-responsabbilità kriminali**. In-negligenza kontributorja tal-vittma tista' isservi biss ghall-diminuzzjoni fil-piena erogata fil-konfront tal-appellata u xejn aktar;

Illi l-fehma tal-esponent li l-appellata ma zammitx *a proper lookout* hija wkoll il-fehma tal-espert Dr Mario Buttigieg. In fatti, dan l-espert jikkonkludi hekk: *Illi ghar-rigward is-sewwieqa, fl-opinjoni umli tal-esponent,* ***Jolene Natalie Pace naqset ukoll min-naha taghha meta hi ma haditx prekawzjonijiet bizzejjed meta kienet qed taqsam il-karreggjata****. ... Illi l-esponent huwa umilment tal-opinjoni illi* ***jidher b' mod esplicitu li Jolene Natalie Pace saqet il-vettura taghha b' mod perikoluz, imprudenti u negligenti****. ... Illi minn dawn id-definizzjonijiet hareg manifestament car li Pace saqet il-vettura taghha b' mod perikoluz, negligenti u b' imprudenza kbira. Dan ifisser illi Pace mhux biss kienet qed issuq il-vettura taghha b' manjiera traskurata u perikoluza izda ma kellhiex a proper lookout tat-triq li kienet qed issuq fiha.*[11]

---

[10] L-esponent jirrileva li filwaqt li f' pagna 16 u 19 tar-rapport l-espert jghid li l-vittma kien qed isuq b' velocità ta' tmienja u tmenin (88) kilometru fis-siegha, f' pagna 17 tar-rapport jghid li l-vittma kien ghaddej b' velocità ta' madwar tmenin (80) kilometru fis-siegha.

[11] Ara pagna 18 tar-rapport. Sottolinear tal-esponent.

Illi l-espert ikompli jghid illi l-kollizjoni sehhet meta l-appellata ghamlet *right turn* sabiex tidhol fi triq sekondarja u meta l-appellata ***invadiet*** *il-karreggjata li kien qed isuq D' Olimpio;*[12]

Illi tant kemm l-appellata ma uzatx kawtela fis-sewqan taghha li l-Ewwel Qorti sabitha hatja tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet tal-Malta. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet dan wara li kkunsidrat dak li qal Dr. Mario Buttigieg fir-rapport tieghu u dak li qal fix-xhieda tieghu u cioè li l-appellata kienet qed issuq b' manjiera traskurata u perikoluza u dan meta hi ***ostakolat il-via li hu kien gej mid-direzzjoni opposta;***[13]

Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, l-esponent huwa tal-umli fehma li huwa kontro-sens li tikkonkludi li l-appellata kienet qieghda ssuq bla kont, u fl-istess hin ma ssibhiex hatja li, minhabba dan in-nuqqas ta' kont, ikkawzat l-mewt involontarju tal-vittma;

Illi dan qieghed jinghad ukoll fid-dawl ta' dak li ddikjarat l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha meta qalet li *...wara analizi tinsab f' qaghda tiddikjara illi f' dan il-kaz, mehud kollox flimkien,* ***mhix f' pozizzjoni li tikkonkludi li r-responsabbiltà kollha tal-incident kien minhabba l-agir tal-imputata****, anzi l-vittma minhabba l-ispeed li kien ghaddej bih ma mexiex skond dak li jipprovdu r-regolamenti tat-traffiku f' pajjizna.* Illi fil-fehma tal-esponent, din hija dikjarazzjoni cara li l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li parti mir-responsabbilità tal-incident kien propju tal-appellata. Li kieku ma kienx hekk, l-Ewwel Qorti kienet tiddikjara li 'mhix f'pozizzjoni li tikkonkludi li r-responsabbilità tal-incident kien minhabba l-agir tal-appellata'. Izda minflok iddikjarat hekk, l-Ewwel Qorti ddikjarat li 'mhix f'pozizzjoni li tikkonkludi li r-responsabbiltà kollha tal-incident kien minhabba l-agir tal-imputata' ;

---

[12] Ara pagna 19 tar-rapport. Sottolinear tal-esponent.
[13] Ara pagna 259 tal-atti. Sottolinear tal-esponent.

Illi lanqas l-esponent ma' jista' jaqbel mal-konkluzjoni tal-espert Dr. Mario Buttigieg fejn qal li kien tal-opinjoni li hemm bizzejjed elementi biex jittiehdu passi kriminali kontra l-appellata fit-termini tal-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 u fit-termini tal-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali ***biss*** minghajr ma jittiehdu passi kontriha fit-termini tal-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex gialadarba l-espert stabbilixxa li l-appellata kienet qed issuq b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza, l-esponent jistaqsi: *kif allura din l-imgieba, skont hu, tista' twassal sabiex ikunu jistghu jittiehdu passi kontriha ta' hsara involontarja izda mhux ta' omicidju involontarju? Kif din l-imgieba fis-sewqan kkawzat il-hsara involontarja fil-mutur tal-vittma però l-istess imgieba imprudenti ma kkawzatx il-mewt involontarju tal-vittma?* Fl-umli fehma tal-esponent, din il-konkluzjoni tal-espert ma taghmilx sens la legalment u lanqas fattwalment;

Illi kien propju ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati li l-prosekuzzjoni akkuzat lill-appellata bir-reat tal-omicidju involontarju flimkien mal-akkuzi l-ohrajn, irrispettivament minn dak li qal Dr. Mario Buttigieg fil-konkluzjonijiet tieghu;

Illi fid-dawl tas-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma li bl-uzu tad-diligenza tal-*bonus pater familias*, u li kieku l-appellata ezercitat ftit iktar attenzjoni u hsieb u hadet l-opportuni kawteli billi tezercita *a proper lookout*, liema ezercizzju setghet taghmlu persuna ta' diligenza u sensibilità normali, u li kien mistenni fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, l-appellata kienet tipprevedi l-konsegwenzi fatali ta' ghemilha, liema konsegwenzi kienu, fl-umli fehma tal-esponent, prevedibbli, u li dan in-nuqqas ta' attenzjoni u t-tehid ta' prekawzjonijiet jikkostitwixxu l-element formali tal-imputazzjonijiet li jirrigwardaw l-omicidju nvolontarju u l-hsara nvolontarja;

Illi fuq nota konklussiva dwar dan il-punt, l-esponent jemmen li l-imputazzjonijiet rigwardanti l-omicidju nvolontarju u l-hsara nvolontarja gew sodisfacentament ippruvati. Applikati l-principji li jemergu mill-gurisprudenza nostrana ghal kaz in ezami, l-esponent fermament jemmen li mhux biss kien hemm kondotta volontarja u imprudenti da parti tal-appellata (l-element materjali), imma li kien hemm ukoll ness ta' kazwalita bejn dik il-kondotta u l-mewt tal-vittma Giuseppe Cristian D' Olimpio u

l-hsara fuq il-proprjetà tieghu liema effetti dannuzi, ghalkemm mhux previsti mill-appellata, certament li kienu prevedibbli minn persuna ta' diligenza ordinarja, u ghalhekk minhabba dan in-nuqqas ta' preveddibiltà (l-element formali) l-appellata kellha tinstab hatja ta' din il-kondotta kolpuza;

Semghet it-trattazzjoni maghmula mill-partijiet seduta stante nhar it-3 ta' Settembru 2021 fejn sahansitra anke awtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Rat u ezaminat ix-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi nhar il-15 ta' Novembru, 2019 xehed **Max Xuereb** u kkonferma li kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta dwar incident fatali li sehh fi Triq il-Qala, Ghajnsielem nhar il-5 ta' Settembru 2019 fejn Giuseppe Christian D'Olimpio kien tilef hajtu,u dan sabiex fl-inkarigu tieghu jghamel *mobile phone extraction* u jigbed numru ta' ritratti flimkien ma CCTV downloads u in segwitu jigbed ukoll xi stills. Huwa qeda l-inkarigu tieghu u dakinhar esebixxa zewg faxxikoli b'dak mitlub minnu li jinsabu fl-atti a fol 36 et seq tal-process.

Illi mir-rapport tal-espert Max Xuereb li jirreferi ghad-*data extraction* mill-*mobile phon*e tal-akkuzata jirrizulta li dakinhar fil-jum tal-incident hija ma kienitx qed taghmel uzu mit-telefon cellulari taghha. Hija irceviet telefonata wahda ghall-habta tas-19.13 minghand Charlene Galea (misjuba fil-folder taghha) liema telefonata l-akkuzata ma wegbietx. Fil-faxxikolu l-iehor hemm ritratti tal-vettura li kienet qed tinstaq mill-akkuzata u cioe dik tal-ghamla Suzuki Alto numru ta' registrazzjoni CBU 113. Din kellha daqqa frontali u mal-genb fin-naha tax-xellug hemm mutur mahbut ma l-art u bniedem mixhut ma l-art.

Nhar it-30 ta' Jannar, 2020 xehed **Dr Michael Refalo** li ghamel l-ezami nekroskopiku fuq il-persuna ta' Giuseppe Cristiano D'Olimpio wara li gie nominat biex jghamel hekk fuq talba tal-Magistrat Inkwirenti. Huwa pprezenta ir-relazzjoni tieghu li tinsab esebita fl-atti a fol 138. Minn ezami ta' l-istess jirrizulta li D'Olimpio miet nhar il-5 ta' Settembru 2019 kagun ta' '*brain lacerations secondary to skull fractures as a result of a traffic accident."*

**PL Mario Buttigieg** xehed nhar it-23 ta' April 2020 fl-atti tal-inkjesta u kkonferma li kien gie nominat mill-Magistrat tal-ghassa sabiex izomm access, jiehu x-xhieda bil-gurament u jaghmel rikostruzzjoni ta' kif sehh l-incident kif ukoll jaghmel investigazzjoni dwar ic-cirkostanzi ta' kif sehh l-incident. Kellu jirrelata dwar l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz u li jidhrulu opportuni.

Minn zsami tar-relazzjoni tieghu rrizulta s-segwenti ghall-espert nominat mill-Qorti.

1. L-incident sehh fi Triq il-Qala, Ghajnsielem meta mutur li ghandu n-numru ta' registrazzjoni BCD 963 tal-ghamla Kymco mudell Agility misjuq minn Giuseppe D'Olimpio waqt li kien fil-karreggjata tieghu. Fl-istess hin l-akkuzata li kienet qed issuq il-vettura taghha tal-ghamla Suzuki Alto numru ta' registrazzjoni CBU 113 ghamlet *right turn* sabiex tidhol fi triq sekondarja. Illi l-akkuzata b'hekk invadiet il-karreggjata li kien qed isuq fuqha D'Olimpio u sehhet il-kollizzjoni.
2. Illi dan l-incident sehh ghall-habta tas-7.30 p.m u skond l-evidenza li l-espert kellu f'idu u anke meta l-esponent zamm l-access it-temp kien wiehed tajjeb waqt li t-triq kienet xotta u l-vizibilta kienet tajba.
3. Illi z-zewg sewwieqa kienu wahedhom waqt l-incident.
4. Illi l-incident sehh fuq in-naha tal-lemin tat-triq meta wiehed ihares lejn ir-Rabat. Irrizulta li dan D'Olimpio kien qed isuq il-mutur b'velocita ta' 88km/fs u hekk kif dar il-liwja sab lill-akkuzata tghalaq il-karreggjata tieghu sabiex hi tkun tista tidhol fi triq sekondarja. Fuq il-post ta' fejn sehh l-incident l-ebda sewwieq ma halla *break marks* jew sinjali ta' *skid marks.*

5. Illi mill-evidenza li thalliet fuq ix-xena tal-allegat incident irrizulta b'mod car illi l-mument tal-habta D'Olimpio kien ghaddej b'sahha u dan jidher ukoll mill-hsarat li sofrew kemm il-mutur u l-vettura.

6. Ili b'din il-kollizzjoni D'Olimpio sofra griehi gavi u siegha wara dan miet.

7. Illi fil-fehma tieghu D'Olimpio kellu n-negligenza kontributorja qawwija izda jidher ukoll li Pace saqet il-vettura taghha b'manjiera traskurata u perikoluza u ma kellhiex *a proper look out* tat-triq li kienet qed issuq fiha. Illi ghaldaqstant huwa kien tal-fehma li l-akkuzata kienet qed issuq il-vettura b'manjiera traskurata, negligenti u perikoluza. Ghandha tinzamm responsabbli ukoll talli kkagunat hsara involontarja fuq il-mutur numru ta' registrazzjoni BCD 963 ghad-dannu ta' Chiara Gristolo.

Illi nhar is-6 ta' April 2021 ix-xhud xehed in kontro ezami u jghid li l-fatt li l-vetturi ma hallew l-ebda *break marks* jindika li jew il-vettura waqfet totalment fil-karreggjata taghha sabiex tikser fuq il-lemin taghha u appena kisret u waslet fin-nofs tal-karreggjata gie l-mutur u sehhet il-kollizzjoni jew inkella li litteralment qabdet kisret mill-ewwel minghajr ma harset lejn min kien gej fid-direzzjoni opposta u hemmhekk sehhet il-kollizjoni.

Mistoqsi kif wasal ghall-konkluzjoni li s-sewwieq tal-mutur kien miexi b'88km/fs jghid li uza l- calculation SEREN method. Ha d- distanza ta' fejn sehh l-impatt sa fejn illandja l-vittma u minn hemm tohrog il-*projectile* tal-velocita li l-vittma jkun tar. Iktar ma wiehed isuq iktar il-vittma itir il' boghod. Mistoqsi fejn jaf fejn illandja s-sewwieq tal-mutur, jghid li kien hemm id-demm u l-elmu ta' rasu. Proprju fejn strieh il-gisem. Jekk ikun hemm xi haga milli izomm il-gisem milli itir iktar, allura dan il-fattur jaffetwa l-kalkolu li jkun ghamel. Suggerit li l-gisem waqaf ma hajt jghid li huwa minnu pero qabel il-gisem illandja f'punt u wara li beda jitgerbeb.

Qal li calculations dwar momentum ma jistax jghamel fuq mutur ghaliex huwa hafna iktar hafif minn vettura. Kieku ma kienx hemm hajt u l-gisem tgerbeb iktar, jista' jaghti l- kaz li l-velocita tizdied. Jghid li fil-fatt is-sewwieq iktar kien probabbli li kellu

velocita ta' madwar 90km/fs. Jghid li huwa tal-fehma li kien hemm kontributorjeta' min naha tal-vittma ghaliex is-sewwieq tal-mutur kien ghaddej b'velocita kbira anke meta kellu restrizzjoni fil-vizibilta tieghu. Minhabba l-liwja li kien hemm, iz-zewg sewwieqa kellhom restrizzjoni fil-vizibilta taghhom. Ikkonferma li hemmhekk f'dik it-triq il-massimu velocita' hu ta 60km/fs. Jghid li huwa minnu li s-sewwieq tal-vettura kellha vizwali naqra inqas milli kellu s-sewwieq tal-mutur. Ikkonferma li l-kollizzjoni sehhet fil-karreggjata tal-vettura u mhux dik tal-mutur. Jghid li huwa ghamel reconstruction ta' dak li gara mid-dokumenti li kellu fosthom l-okkorenza ghaliex l-akkuzata kif kellha kull dritt tghamel ma tkelmitx mieghu. Ikkonferma li l-incident sehh fi triq primarja qabel ma l-akkuzata bdiet tikser ghal got-triq sekondarja. Pero l-vetturi wara l-impatt spiccaw fuq it- triq sekondarja.

**Chiara Gristolo** xehdet fl-atti tal-inkjesta nhar l-5 ta' Ottubru 2019 quddiem l-espert tekniku u qalet li l-ahhar kuntatt li kellha ma zewgha Giuseppe D'Olimpio kien nhar il-5 ta' Settembru, 2019 meta dan baghtilha messagg fuq *whatsapp*. Dan kien filghodu. Minn hemm 'l quddiem ma semghet xejn aktar dwaru. Tghid li hija ukoll tahdem f'lukanda u tibda xoghol fis-7.00 a.m sas-7.00 p.m. Ma tistax tghid jekk marx ghall-ikel. Zewgha kien jghamel zewg xoghlijiet. Filghodu ibiegh il-biljetti l-Mgarr u filghaxija jahdem bhala *bus driver* ma Yippies. Dwar l-incident m'ghandha xejn xi tghid. Tikkonferma li fiz-zmien tal-incident kienu jghixu il-Qala.

Il-**Perit Arkitett Cornelia Tabone** xehdet fl-atti tal-inkjesta nhar l-10 ta' Lulju 2020 u ezebiet ir-relazzjoni taghha maghmula n segwitu tan-nomina taghha fl-atti tal-inkjesta sabiex teccedi fuq il-post taghmel skizz tal-incident u tindika fuq l-iskizz dak li hija sabet hu li hu konness mal-incident. Din il-pjanta tinsab ezebita a fol 211.

In kontro-ezami nhar is-6 ta' April 2021 tghid li hija ma haditx konjizzjoni tas-sinjelatika tat-triq izda hadet konjizzjoni tal-wisa' tat-triq, it-tifrik li kien hemm tal-vetturi u fejn kien hemm it-ticpiss tad-demm. Murija r-ritratt immarkat bhala dok AB1 tghid li dan hu ritratt ta' fejn sehh l-incident. Fuq dan ir-ritratt hemm speci ta' island'

impittra u din ma hiex riflessa fid-*drawing* taghha u lanqas ma hemm indikat kif inhi maqtugha it-triq minn fejn sa fejn tasal it-triq principali. Din l-*island* tidher fuq ir-ritratt mehud mill-espert Max Xuereb ezebita fl-atti a fol. 217.

**Dr. Joseph Rapa** xehed nhar l-4 ta' Marzu, 2021 il-Qorti u spjega li dakinhar tal-incident u cioe nhar il-5 ta' Settembru 2019 huwa kien xoghol l-Emergenza ta' l-isptar generali ta' Ghawdex u ra lil Giuseppe Christian D'Olimpio meta dan kien fi stat ta' *cardiac arrest* u kienu qed jghamlulu l-CPR. Dan is-CPR beda fuq il-post tal-incident u kompla ghal madwar 45 minuta. Il-pazjent gie dikjarat mejjet dakinhar stess. Qal li dan kien qed isofri minn griehi gravi f'rasu u f'saqajh. Huwa hareg certifikat tal-mewt li gie mmarkat bhala dok JR 1 esebit fl-atti a fol. 234.

L-**Ispettur Bernard Charles Spiteri** xehed nhar l-4 ta' Marzu, 2021 u spjega li nhar il-5 ta' Settembru, 2019 kien gie infurmat minn PS 552 Matthew Grech li kien sehh incident fi Triq il-Qala, Ghajnsielem bejn vettura tal-ghamla Suzuki Alto bin-numru ta' registrazzjoni CBU 113 u mutur bin-number plate BCD 963. Is-surgent kien qallu li s-sewwieq tal-mutur kien sofra griehi serji u kien qieghed l-isptar pero ma kienx f'kundizzjoni tajba. Ghalhekk inghalqet it-triq u ftit wara gie infurmat li dan ix-xuffier kien miet.

Huwa mar fuq il-post u nnota li fi Triq il-Qala fejn hemm it-triq li taghti ghal Triq ta' Xhajma kien hemm karozza tal-ghamla Suzuki gejja min naha ta' Ghajnsielem sejra direzzjoni ta' Xewkija. Kienet qed tikser ghal got-triq sekondarja. Il-mutur kien gej mid-direzzjoni tax-Xewkija fid-direzzjoni ta' Ghajnsielem u ghal xi raguni waqt li l-karozza kienet qed taqsam it-triq sehhet din l-kollizzjoni. Il-vettura u l-mutur kellhom hsarat konsiderevoli. Fuq il-post kien hemm ammont konsiderevoli ta' debris. Huma elevaw numru ta' affarijiet fosthom il-*mobile phone* tas-sewwieq tal-mutur, il-papocc, il-helmet u gie nutat ukoll li kien hemm roqa demm taht il-hajt ftit 'l hinn mit-triq. Huwa informa l-Magistrat ta' l-Ghassa u din ordnat inkjesta u nnominat numru ta' esperti. Huwa gharaf lill-akkuzata li ftit wara l-akkadut kienet giet mitkelma l-ghassa.

**Savior Farrugia** xehed in rappresentanza ta' Transport Malta u qal li l-vettura tal-ghamla Suzuki Alto kulur abjad numru ta' registrazzjoni BBU 113 tghajjat lil Joelene Nathalie Pace u ilha hekk registrata f'isimha mit-18 ta' Jannar, 2011. Dwar il-mutur jghid li dan kien tal-ghamla Kymco Agility registrat f'isem Chiara Grisostolo u ilu hekk registrat sa mill-11 ta' Frar, 2019. Huwa pprezenta kopja taz-zewg logbooks relattivi.

L-akkuzata **Joelene Natalie Pace** xehdet min rajha u b'mod volontarju nhar is-6 ta' April 2021. Qalet li dak in-nhar tal-incident kienet gejja mix-xoghol Ghajnsielem u kienet sejra lura id-dar in-Nadur. Ghaddiet minn Triq il-Qala, triq li tghaddi minnha ta' spiss, kwazi ta' kuljum. Meta waslet fi Triq il-Qala riedet tikser lejn in-Nadur f'dik it-triq id-dejqa, xeghlet l-*indicator* naqset l-ispeed, rat li ma kien gej hadd u kisret ghaliex kienet qed thares l'quddiem u dan wara li rat li ma kienux gejjin karozzi minn facccata ghax minn hemmhekk ma jghaddux zewg karozzi. Trid tara jekk humiex gejjin karozzi bilfors.

Meta kienet hemmhekk fis-siegha u l-hin, habta u sabta gie mutur u taha daqqa fuq in-naha ta' quddiem tal-karozza taghha, fuq in-naha tax-xellug u litteralment hasditha bl-ispeed li kellu fuqu u ghadha sa dak in-nhar tbati bl-anzjeta bix-*shock* li hadet. Mistoqsija meta kien l-ewwel darba li rat il-mutur tghid li kien dak il-hin x'hin saq ghal fuqha. Hasadha. Tghid li d-daqqa fuq il-karozza taghha hi fuq quddiem fuq in-naha tax-xellug. Fuq in-naha tal-passiggier. Tghid li pero kienet gja kisret ghal got-triq sekondarja. Tghid li kienet ghadha kemm kisret u dahlet fit-triq sekondarja. Fil-fatt fir-ritratt jidhru r-roti ta' wara biss kienu ghadhom fuq it-triq principali.

Ikkunsidrat:

L-Avukat Generali isostni fir-rikors tal-appell tieghu li l-Ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi li gew imressqa quddiemha u dan ghaliex isostni li fid-dawl tal-provi imressqa quddiemha l-akkuzata kellha tinsab hatja tal-akkuzi kollha.

Isostni li meta l-appellata Pace kienet qed taghmel il-manuvra li tiddipartixxi minn triq principali u tidhol fi triq sekondarja hija naqset li tezercita il-*proper look out* u minhabba dan in-nuqqas fis-sewqan taghha kkagunat il-mewt involontarju tal-vittma D'Olimpio.

Issa hu principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmulha mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet raggjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *inter alia* l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[14];**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[15] ; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[16] ; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[17] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **R. v. Cooper**[18]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968):-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone.*

---

[14] Deciz Mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar i2 ta' Mejju, 1994
[15] Deciz Mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989
[16] Deciz Mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju ,1995
[17] Deciz Mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1995
[18] ([1969] 1 QB 276)

*However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* [19]

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet: **Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[20], inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xhieda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwixxix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod *safe and satisfactory* ghall-konkluzzjoni ta' htija.

---

[19] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[20] Deciz Mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l- 1 ta' Dicembru, 1994

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit tal-provi imressqa u minn ezami tal-istess jirrizulta s-segwenti.

Jinghad *in primis* li f'din il-kawza din il-Qorti m'ghandhiex il-verzjoni tal-vittma ghaliex sfortunatament miet ftit wara l-impatt. Ghandha biss l-evidenza cirkostanzjali kif imfissra mill-esperti nominati mill-Magistrat waqt l-inkjesta u dik moghtija mill-akkuzata ftit inqas minn sentejn wara li sehh l-incident viva voce il-Qorti.

Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti, l-incident sehh meta l-akkuzata kienet qed issuq ghall-affari taghha fi Triq il-Qala sejra lejn in-Nadur, miexja fi triq principali fuq il-karreggjata taghha. Imbaghad giet biex titlaq minn triq principali biex tidhol fi triq sekondarja. Jirrizulta li kienet gja qasmet it-triq principali u kienet dahlet fit-triq sekondarja tant li r-roti ta' wara tal-vettura taghha kif murija fir-ritratt mehud minn Max Xuereb juri li kienu ghadhom fuq it-triq principali. L-akkuzata tghid fix-xhieda taghha li hija harset 'l quddiem u dan wara li rat li ma kienunx gejjin karozzi minn facccata ghax minn hemmhekk ma jghaddux zewg karozzi. Hija daret bil-mod mas-sinjaletika li kien hemm fit-triq u ma qatghetx qasir billi ghaddiet fuq is-sinjal li kien hemm fit-tarf tat-triq. Kien proprju dak il-hin li hija dahlet fit-triq sekondarja li habta u sabta gie mutur misjuq mill-vittma D'Olimpio u taha daqqa fuq in-naha ta' quddiem tal-karozza taghha, fuq in-naha tax-xellug. L-akkuzata tghid li dan litteralment hasadha bl-ispeed li kellu fuqu. Tispjega li l-ewwel darba li rat il-mutur tghid li kien dak il-hin x'hin saq ghal fuqha u hasadha. Tghid li d-daqqa fuq il-karozza taghha hi fuq quddiem fuq in-naha tax-xellug. Fuq in-naha tal-passiggier. Tghid li pero kienet gja kisret ghal got-triq sekondarja meta l-mutur dahal go fiha fuq il-karreggjata taghha. Din ix-xhieda tal-akkuzata ma gietx kontestata jew imcahda minn hadd u dan ghaliex xhieda okulari tal-incident ma kienx hemm u l-vittma sfortunatament miet kawza ta' l-incident. Illi pero hemm provi indizzjajri li jikkoloboraw il-verzjoni tax-xhieda moghtija mill-akkuzata fir-rigward ta' fejn kienu l-vetturi meta sehh l-impatt, dwar in-natura tal-hsara, dwar l-ispeed tal-mutur, ir-ritratti esebiti fl-atti u s-sinjaletika fit-triq.

Fil-**High way Code** insibu x'ghandu jghamel sewwieq ta' vettura ta' kif ghandu jirregola is-sewqan tieghu.

Fis-**sub inciz 220** intestat '*Ir-regola s-sewqan tieghek ghat-tip u l-kondizzjoni tat-triq li tkun fiha'.*

B'mod partikolari jipprovdi li sewwieq ghandu

- *iqis il-limitu ta' velocità bhala mira. Hafna drabi perikoluz u mhux xieraq li ssuq sal-limitu ta' l-oghla velocità.*
- *ikkunsidra l-kundizzjonijiet tat-triq u tat-traffiku.*
- *Kun lest ghal sitwazzjonijiet mhux mistennija jew difficli, per ezempju li t-triq tkun imblukkata wara kantuniera. Kun lest biex taggusta l-velocità tieghek bhala prekawzjoni.*
- *fejn hemm triq taghqad ma' ohra, kun lest ghal xi vettura hierga.*

Parir generali fl-istess **High way Code** jesigi li **<u>MA TISTAX</u>**

- *Issuq bl-addocc*
- *Issuq minghajr ma toqghod attent*
- *Issuq bla ma tahseb f'haddiehor li jkun qed juza t-triq.*

F'kaz ta' ghaqda ta' zewg toroq ir-regolament **numru 205** jipprovdi li "*s-sewwieq ghandu juza aktar attenzjoni f'ghaqda ta' jew toroq jew f'salib it-toroq*".

Fil-kaz in desamina jidher car li l-akkuzata kienet qed issuq u avvicinat biex taqsam triq principali biex tidhol fi triq sekondarja. Skond ix-xhieda taghha din harset kif kellha l-obbligu li taghmel biex tara li ma kienux gejjin vetturi u wara li accertat ruhha li ma kienx hemm vetturi, ipprocediet biex taqsam it-triq. Dan ghamlitu billi rat ir-sinjelatika li kien hemm fit-triq u li giet konfermata mill-perit Tabone li kienet hemm fil-jum tal-incident, daret maghha u dahlet fit-triq sekondarja. Mistoqsija mill-avukat tal-parte civile jekk kienitx bdiet tikser meta giet milquta mill-mutur tghid ex admisses '*imma kont diga dhalt go dik it-triq kont diga dhalt*'. L-avukat tal-parte civile jghamlilha

referenza ghar-ritratt esebit fl-atti u jghidilha 'ir-ritratt juri li hemmhekk ghadek qisek fit-triq principali' u hija wiegbet 'ir-roti ta' wara biss'. Dan hu indizzju car li fil-fatt ghalhekk l-akkuzata kienet gja telqet minn fuq it-triq principali meta sehh l-impatt. In oltre jirrizulta li d-demm li instab ma l-art kien fuq il-karreggjata taghha. Li kieku l-akkuzata kienet traskurata, negligenti fis-sewqan taghha l-incident kien isehh proprju fuq it-triq principali ftit qabel ma fil-fatt sehh l-impatt.

Il-mutur misjuq mill-vittma kien gej minn triq principali pero' isuq b'velocita qawwija skond l-espert tekniku b'velocita ta' madwar 88km/fs meta l-massimu f'dik it-triq hija ta' 60km/fs. Jidher li dan ma rax il-vettura tal-akkuzata possibbilment ghaliex kellu l-liwja, jew addirittura jekk rahha minhabba l-ispeed eccessiv tieghu ma setghax jieqaf u jzomm il-mutur billi break marks ma kienx hemm u ghalhekk jidher li waqaf proprju mal-impatt. *Break marks* u *skid marks* ma hemmx. L-impatt sehh fuq il-karreggjata ta' fejn kienet l-akkuzata u dan ghalhekk huwa indizzju li s-sewwieq tal-mutur ma kienx qed izomm *proper look out* u kien qed isuq fuq il-karreggjata zbaljata.

Illi kif gie gustament ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Anthony Spiteri</u>**[21]:
"*Driver …. ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a proper lookout ghall-vejikoli, pedestrians, u road-users ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu.*"

Il-Qorti osservat "*ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' split second u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali.*"

---

[21] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Mejju 1960

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "**Hu dover ta' "driver to see what is in plain view**". (**Pol. vs. Joseph Vella**[22] ) u li *"min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (**Il-Pulizija vs. J.M. Laferla**[23])"*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*" [24].

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li-
*"… biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghall-responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet... "*

Kif tajjeb semma l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar** [25] ddikjarat;
*"Illi x'jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz huwa ukoll pacifiku f'l-ordinament gurikdiku taghna.*
***Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tarregolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza taddisposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew l-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*
***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fissubartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 ta' Awwissu 1983
[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Gunju 1961
[24] Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd." [1968]
[25] Deciza nhar is-27 ta Lulju 2010

***Sewqan perikoluz*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u lpresenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan...*

Illi fil-kaz odjern irrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-vittma kien qed isuq b'velocita' aktar milli suppost ghall-lokalita' in kwistjoni. Kif indikat aktar 'il fuq mir-rapport u xhieda tal-espert Mario Buttigieg jirrizulta li l-vittma kien qed isuq b' velocita ta' circa 88km/fs. Mir-rapport tal-espert Buttigieg jirrizulta wkoll li t-triq li twassal ghall-post fejn sehh l-incident ghandu liwja u b'hekk is-sewwieq ikollu vizjoni ostakolata u l-velocita' massima ghal dik it-triq ma hiex idejali stante l-liwja u ghalhekk qatt ma kellu jeccedi is-60km/fs. Inoltre l-akkuzata Joelene Nathalie Pace fix-xhieda taghha tghid li l-vittma hasadha ghaliex gie fuqha qisu leqqa ta' berqa. Kien proprju dak il-hin li ratu l-ewwel darba minkejja li ftit qabel harset lejn id-direzzjoni minn fejn kien gej u ma ratux. L-espert ikompli ighid li mill-bidu tat-triq sakemm wasal fejn sehh l-impatt l-vittma dam xi 3.2 sekondi u ghalhekk dak li qalet l-akkuzata li ma ratux fid-dawl ta' din il-prova tisthoq li tigi emnuta.

Gie ukoll ritenut fir-rigward ta' speed li: "*speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari ghal dik illokalita' izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali talmument.*" (**Pul. vs. Roger Bugeja**[26] ).

Jidher li f'dan il-kaz l-ispeed tal-mutur misjuq mill-vittma kien ferm oghla minn dak li kien jippermettilu li jwaqqaf il-mutur tieghu tempestivament f' kaz ta' bzonn minghajr ma jinvesti lill-akkzuata li hu facilment seta' jipprevedi kieku kien miexi bi speed normali. Huwa minhabba dan in-nuqqas tal-vittma li *brake marks* jew *skidd marks* fuq il-post ma kienx hemm.

[26] Deciza mill-Qorti tal-Appelli nhar it- 30 ta' Gunju 1962 (Vol. XLVI.iv.873)

Illi l-Avukat Generali f'dan l-appell hass ruhu aggravat mill-fatt li l-Ewwel Qorti sabet biss htija ta' sewqan bla kont fir-rigward tal-appellanti u ma sabithiex hatja tal-akkuzi l-ohra. Hawnhekk din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Chircop**[27] fejn citat minn din is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Magri**[28] li kif gie dejjem ritenut il-kwistjoni jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont, jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "degree" ( **Pul. Vs Charles Bartolo**[29] 14.3.59; **Pul. Vs. Wilson**[30] , u **Pul. Vs. Alfred Vella**[31] ) u, kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **Pul. Vs. Hardingham** [32]). Jidher ghalhekk li l-Ewwel Qorti dehrilha li kellha ssib lill-appellata hatja ta' sewqan bla kont biss pero' ghaliex waslet ghal dan il-gudizzju ma tghidx.

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti ma taqbilx li l-akkuzata kienet qed issuq b'manjiera bla kont kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti u dan ghaliex mill-provi akkweziti ma jirrizultax dan it-tip ta' sewqan da parti taghha. L-Ewwel Qorti hija tal-fehma li l-incident sehh fuq it-triq principali meta fil-fatt jirrizulta li l-akkuzata kient gja qasmet it-triq principali. Il-prosekuzzjoni ma setghetx tressaq xi prova in concreto dwar is-sewqan tal-appellata u dan ghaliex xhieda okulari ma kienx hemm. Din il-Qorti ghalhekk ghandha toqghod fuq dan li stqarret l-istess appellata fuq il-pedana tax-xhieda u dan ghaliex ma gietx kontradetta minn hadd u lanqas mill-provi indizzjarji tal-kaz.

L-Avukat Generali huwa tal-fehma li l-akkuzata kellha tinstab hatja ta' omicidju involontarju ta' Giuseppe D'Olimpio u dan ghaliex fil-fehma taghha dan sehh minhabba li l-akkuzata sahqet b'manjiera bla kont liema sewqan wassal ghal mewt tal-vittma.

---

[27] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-11 ta' April 2002
[28] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta' Frar, 2003
[29] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Marzu 1959
[30] Vol XXXIX, p 1018
[31] Vol. XLIV p 933
[32] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta' Ottubru 1963

L-**Artikolu 225 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta, fiz-zmien li fih sehh il-kaz odjern, kien jghid hekk:
*"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, ……".*

Kif inghad fis-sentenza citata mill-istes Avukat Generali fir-rikors ta' Appell tieghu fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**[33], *"Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju".*

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa, *"… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere*[34]*."*

Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk:
*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable*[35]*".*

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:
*"… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".*

[33] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998
[34] Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88
[35] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67.

Kif imfissra f'dik l-istess sentenza hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. Tispjega li l-imprudenza tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b'"leggerezza" jew "sconsideratezza[36]" u kif jghid **Antolisei**, "L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui[37]"
U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano**,

"*Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positiva dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinato evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela.*"[38]

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, fuq citata inghad illi
*"L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli".*

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-Manzini: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto".[39]

Illi pero' fil-kwadru kif spjegat iktar il'fuq zgur li ma jirrizultax li l-appellata b'xi mod naqset milli tiehu l-prekawzjoni necessarja rikjesta minnha qabel ma esplorat li tidhol fi triq sekondarja. Jirrizulta li l-appellata kienet kawta fis-sewqan taghha tant li anke daret mas-sinjeletika tat-triq. Li kieku ma kienitx daqstant attenta, il-hsarat fuq il-

---

[36] Dizionario Zingarelli, (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12, Gunju 2001)
[37] Antolisei F., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.
[38] Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548.
[39] Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg, fuq citata.

vettura taghha kienu ikunu fermi kbar. Il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova in-nexus rikjest bejn il-mewt ta' Giuseppe D'Olimpio u s-sewqan tal-appellata.

A bazi ta' din l-esposizzjoni legali u tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi dak li wassal ghall-incident de quo u ghall-mewt tal-vittma D'Olimpio kien in-nuqqas evidenti ta' tharis tal-ligijiet u r-regolamenti ta' traffiku da parte tal-vittma flimkien man-nuqqas ta' hsieb tieghu li ghazel li isuq b'dik il-velocita' mhux mistennija fi triq fejn il-vizibilita ma kienitx daqstant tajba u meta kien jaf jew messu kien jaf li kien ser javvicina inkrocju minn fejn jistghu johorgu karozzi biex jaqsmu ghal go triq sekondarja. Ghalhekk zgur li l-appellata ma tistax tinstab hatja tal-omicidju involontarju tal-vittma.

Illi maghdud dana, jirrizultaw dawn zewg fatturi importanti dwar ir-responsabbilta` ghal dana is-sinistru:

1. Li l-vittma **qatt** ma messu saq b'dak l-ispeed veloci ta' madwar 88km/fs fi triq fejn il-vizibilita tieghu ma kienitx tajba minhabba il-liwja li kien hemm u in oltre meta kien jaf jew messu kien jaf li kien hemm inkrocju.

2. Li l-vittma naqset milli zzomm *a proper look out* billi saqet bl-addocc u baqghet ghaddejja dritt b'velocita qawwija minghajr ma hadet l-prekawzjoni li tirrallenta meta waslet proprju fejn hemm l-inkrocju, tant li baqghet diehla fil-vettura misjuqa tal-akkuzata li kient gja qasmet it-triq principali.

F'din il-Qorti ma taqbilx ma dak li stqarr l-espert Dr. Mario Buttigieg u dak li rrizulta lill-Ewwel Qorti li fil-fatt il-vittma ghandu jinzamm responsabbli ghal kontributorjeta' tieghu. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-incident huwa imputabbli kollu kemm hu lilu.

Jidher li f'dan il-kaz l-ispeed tal-mutur misjuq mill-vittma kien ferm oghla minn dak li kien jippermettilu li jwaqqaf il-mutur tieghu tempestivament f' kaz ta' bzonn minghajr ma jinvesti lill-appellata li hu facilment seta' jipprevedi kieku kien miexi bi

speed normali. Huwa minhabba dan in-nuqqas tal-vittma li *brake marks jew skidd marks* fuq il-post ma kienx hemm.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn kienet iddikjarat lill-appellata mhux hatja tal-akkuzi kollha salv dik ta′ sewqan bla kont u qeghda tirrevokha fir rigward ta′ dik il-parti tas-sentenza fejn sabitha hatja ta′ sewqan bla kont u ghaldaqstant qeghda tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabitha hatja ta′ sewqan bla kont u qed tiddikjara li ma hiex qed issibha hatja ta′ din l-akkuza u konsegwentement qed tilliberaha minnha ukoll u ghalhekk qed tilliberaha minn kull imputazzjoni u piena.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur